# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**- AZZJONI TA' DENEGATA PATERNITA' U KONTRO-TALBA TA' FILJAZZJONI –**

**- ARTIKOLI 86, 99 U 100A TAL-KAP. 16 -**

## Illum 29 ta' Ottubru 2015

Rikors Guramentat Nru. 78 / 15RGM

Kawza fil-lista: 33

**A B**
**vs**
**C D;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**L-Avukat Dott. Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti li b'digriet datat 11 ta' Mejju 2015 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri E B;**
**u F G li gie kjamat in kawza permezz ta' digriet datat 4 ta' Gunju 2015**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur A B fid-9 ta' April 2015 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi fl-4 ta' Dicembru 2004, twieled il-minuri E B li gie rregistrat bhala bin ir-rikorrenti A B u bil-kunjom B kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid.

Illi r-rikorrenti m'huwiex il-missier naturali tal-minuri E B u dan, kif se jigi muri waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza.

Illi r-rikorrenti ma jridx li jibqa' jkun indikat bhala l-missier tal-minuri E, ghaliex dan ma jirrispekjax il-verita'.

Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet ilha li intemmet ghal diversi xhur meta twieled il-minuri E B.

Illi r-rikorrenti qatt ma kellu kuntatt ma’ l-istess minuri, qatt ma rah u wisq anqas kellu relazzjoni mieghu mit-twelid tieghu sal-gurnata odjerna.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet kollha tal-ligi E B mhuwiex wild naturali tar-rikorrent u dan okkorrendo bin-nomina tal esperti medici biex isiru t-testijiet tad-DNA.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri E B billi fejn hemm miktub l-isem il-missier, dan jigi imhassar u jigi mnizzel illi l-minuri msemmi huwa ta’ missier mhux maghruf.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li taqra’ kif gej:-

Illi fl-4 ta' Dicembru 2004, twieled il-minuri E B li gie rregistrat bhala bin ir-rikorrenti A B u bil-kunjom B.

Illi l-esponenti taqbel li r-rikorrenti m'huwiex il-missier naturali tal-minuri E B u dan stante illi l-esponenti u r-rikorrenti kien ilhom de facto separati ghal zmien konsiderevoli.

Illi r-rikorrent A B u l-minuri E B qatt ma kellhom kuntatt flimkien u qatt ma iltaqghu u wisq anqas hemm relazzjoni bejniethom.

Illi l-missier naturali ta' E B huwa F G, detentur tal-karta ta' 1-identita numru 547681(M).

Illi l-minuri E B ghandu relazzjoni tajba mal-rnissier naturali tieghu F G.

Illi F G jixtieq li jigi rikonuxxut bhala missier naturali tal-rninuri.

Illi jkun fl-ahjar interess tal-rninuri li l-att tat-twelid jigi emendat billi fejn hemm miktub l-isem il-missier A B, dan jigi imhassar u minflok jigi mnizzel F G.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment tissottometti li in vista ta' dak hawn fuq espost, it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat ghandha tintlaqa' b' riserva ghat-talba rikonvenzjoni pprezentata kontestwalment ma' din ir-risposta.

Rat il-kontro-talba tal-istess konvenuta li permezz taghha ppremettiet u talbet:-

Illi r-rikorrenti ma huwiex il-missier naturaIi tal-minuri E B kif ser jigi pruvat f'dawn il-proceduri;

Illi l-missier naturali ta' E B huwa F G, detentur tal-karta ta' 1-identita numru 547681(M) li huwa kellu f'relazzjoni mal-konvenuta rikonvenjenti;

Illi l-minuri E B ghandu relazzjoni tajba mal-missier naturali tieghu F G.

Illi F G jixtieq li jigi rikonuxxut bhala missier naturali tal-minuri.

Illi ghalhekk jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-att tat-twelid tal-minuri jigi emendat billi fejn hemm miktub fl-att tat-twelid l-isem il-missier A B, dan jigi imhassar u minflok jigi mnizzel F G, bin l-hajjin Joseph u Maria Dolores nee' Vella.

Illi ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet kollha tal-Ligi illi E B huwa wild naturali ta' F G detentur tal-karta ta' l-Identita numru 547681(M) u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici biex isiru t-testijiet tad-DNA jekk ikun il-kaz.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri E B billi fejn hemm miktub l-isem il-rnissier, dan jigi imhassar u jigi mnizzel minflok illi l-minuri msemmi huwa t-tifel ta' F G.

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri E B billi jemenda kuljom E B fis-sens li minflok jigi jaqra E G D.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, ghal kull buon fini, jigi rilevat illi sal-lum, ghadha ma saret l-ebda notifika ta ' dan ir-rikors lill-Ufficcju ta' l-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu 3 ta ' l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk, ghalkemm id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie notifikat fit-29 ta' April 2015, it-terminu ta' ghoxrin jum skont dan l-istess subartikolu ghadu ma bediex jiddekorri gialdarba ma saritx tali notifika;

2. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri E B, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri E B, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna;

3. Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta' denegata paternita r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f' ghajnejn il-Ligi. Ghalhekk f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici;

5. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta wanda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri E B, illi l-intimata C D tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri E B, tal-inqas ghandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

6. Illi bla hsara ghas-suespost, f'kaz li tintlaqa' il-hames eccezzjoni ta' l-esponent, l-esponent jistieden lill-missier naturali tal-minuri E B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieled il-minuri E B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel E B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-TweIid tal-fuq riferit E B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 4152 tas-sena 2004;

7. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-minuri E B irid jaghzel liema kunjom se jzornm a tenur tat-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2015 li permezz tieghu awtorizzat u ssanzjonat l-intavolar tal-kawza odjerna.

Rat l-atti

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Il-Fondament Legali tal-Azzjoni u tal-Kontro-Talba**.

Permezz tal-kawzaipprezentata mill-attur u l-kontro-talba ipprezentata mill-konvenuta l-Qorti ghandha quddiemha zewg talbiet fir-rigward tal-istess minuri. L-ewwel wahda hi kawza ta' *denegata paternita'* fejn l-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-attur ma hux missier il-minuri. It-tieni wahda hija kawza ta' filjazzjoni fis-sens li l-konvenuta qed titlob li l-kjamat in kawza F G jigi dikjarat bhala missier il-minuri.

L-azzjoni ta' denegata paternita' ta' wild imwieled barra z-zwieg bhal dik istitwita mill-attur ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 99 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

"*L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.*"

**Artikolu 100A** imbaghad jipprovdi illi f'kawzi ta' din ix-xorta l-Qorti ghandha s-setgha li tezigi li jsiru testijiet genitici bhala prova.

L-azzjoni ta' filjazzjoni istitwita mill-konvenuta permezz tat-talba rikonvenzjonali taghha ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

*"It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*- omissis -*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*"

**Provi**.

B'digriet tal-4 ta' Gunju 2015 il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci testijiet tad-DNA fuq il-persuna tal-minuri, ta' ommu u tal-kjamat in kawza F G.

Dr Marisa Cassar ipprezentat ir-rapport tad-DNA fit-23 ta' Gunju 2015 fejn gie certifikat illi F G huwa l-missier bijologiku tal-minuri E B.

Ir-rizultati xjentifici huma konferma wkoll tal-istat li jipposjedi l-minuri. L-omm xhedet illi F G huwa kkonsidrat bhala missier il-minuri u hemm relazzjoni tajba bejniethom. Jirrizulta wkoll mill-provi illi ma hemm l-ebda kuntatt bejn l-attur u l-minuri.

Gie ghalhekk sodisfacentement ippruvat illi l-minuri huwa iben il-kjamat in kawza u mhux iben l-attur.

Ghalhekk sew it-talbiet attrici kif ukoll it-talbiet rikonvenzjonali ser jigu akkolti.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza u l-kontro-talba u tiddisponi mir-risposti bil-mod kif gej:-

1. Tiddikjara illi l-minuri E B huwa l-iben bijologiku tal-kjamat in kawza F G u mhux tal-attur.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri billi jikkancella isem l-attur u l-konnotati kollha tieghu u minflok inizzel bhala missier it-tarbija isem il-kjamat in kawza bil-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw mill-atti.

3. Tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri jitnizzel illi l-minuri jkun maghruf bil-kunjom “G D”.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta C D u l-kjamat in kawza F G.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**